MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

It-Tlieta 25 ta' April 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

**7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm

**7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

7.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret fi Marzu 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana.

**7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.3.1 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar żjarat li ser tkun qed tagħmel fil-lokal kif ukoll fi sptarijiet u Djar Privati lill-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm / Jum il-Missier bħal kull sena kif ukoll ittijhom ġest żgħir bħal frott.

Is-Sindku ukoll infurmat il-Kunsill fuq Ħargiet Kulturali li ser tkun qed torganizza matul ix-xahar ta' Mejju 2017.

7.3.2 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa formali li ġiet skedata aktar kmieni f'April 2017 rigward l-attivita' li ser tkun qed titella mill-Kunsill fix-xahar ta' Lulju kif diġa kien ġie maqbul mill-bqijja tal-Kunsill.

Is-Sindku saħqet illi d-data kellha tinbidel minħabba affariiet ta' loġistika sfortunatament. Id-data il-ġdida hija 28 ta' Lulju 2017

Waqt laqgħa li saret mal-membri involuti ħarġu punti ġodda li wieħed għandu jikkonsidra biex l-attivita' tkun waħda ta' suċċess bħal:

- It-tfal tal-iskola Primarja ser jiġu nvoluti billi jagħmlu tpinġija bl-isem 'Jien u Puttinu' fejn dawn it-tpinġijiet jiġu esposti waqt l-attivita'. Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera Maria Sultana tikkordina dan il-punt mal-Kap tal-iskola minħabba li hija stess hija l-President tal-Kunsill tal-iskola. Dawn it-tfal jingħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni wara l-attivita'.

- Ser ikunu qed jiġu nklużi mwejjed / stalls tal-artiġjanat

- Ġie deċiż li l-preżentaturi tas-serata ser ikunu Wayne Aquilina u Sharon Cassar Debarro.

- Ser tkun qed tintbgħat email oħra lill-Esplora biex isir ftehim fuq skont li jistgħu jgħatu minn weekend li jkun miftuħ.

7.3.3

Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi ilna żmien twil nistennew li titlesta l-bandiera tal-Kunsill.

Hija qalet ukoll li tifhem li l-persuna li kellu jagħmilha kien imħabbat ħabba raġunijiet personali pero' wasal iż-żmien illi l-bandiera tkun fi ħdan il-Kunsill mill-aktar fiss possibli.

Is-Sur Pawlu Bongailas ser ikun qed jerġa jkellem dan l-individwu, peres li kien qed jieħu ħsieb. Mill-banda l-oħra is-Sinjura Chircop qalet biex filkaz jitqabbad persuna oħra biex tagħmel din l-istess bandiera.

7.3.4 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar xi xogħolijiet li saru f'dan l-aħħar xahar t'April 2017 mill-ħaddiema tal-Kunsill stess. Dawn jinkludu:

- Rifresk ta' żebgħa mill-ġdid ta' xi parkeġġi
- Manutenzjoni fuq ħajt fi Triq il-Kapuċċini
- Żebgha ħamra fuq il-bankini speċjalment in-naħa tax-Xatt.

7.3.5 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar email li rċieva l-istess Kunsill kif ukoll is-Segretarju tal-Każin tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, ċempilla personali biex juriha d-dispjaċir minn naħa tagħhom f'isem il-grupp tad-darts li wara li dawn ta' l-aħħar kienu rebħu il-kampjonat fis-sena 2016 u ma ġewx preżentati bl-ebda rikonoxximent kif ġara f'din is-sena mal-Klabb tal-Football. L-istess Segretarju saħaq illi hu m'għandu l-ebda oġġezzjoni li din is-

sena l-Kunsill wera l-apprezzament tiegħu mal-Klabb tal-Football, imma ħass illi huma baqgħu ma ħadu xejn meta ġabu titlu bħal dak fil-lokalita' tal-Kalkara.

Wara diskussjoni kostruttiva bejn il-Kunsilliera ħarġu punti minn kull Kunsillier li wieħed qiegħed jinnota kif inhu spjegat hawn taħt:

- Is-Sur Chris Bruno issugerixxa li dan il-grupp għandu jingħata Unur il-Kalkara iktar tard f'Diċembru 2017 jew inkella jiġu ppreżentati b'rikonoxximent waqt l-attivita' ta' Puttinu li ser tkun qed titella' f'Lulju ta' din is-sena stess. Apparti minn hekk is-Sur Bruno talab lis-Seg.Eżek. twieġeb formali lis-Segretarju dwar il fatt illi din il-kwistjoni qed tinqala issa wara kważi sentejn wara.

Il-Kunsill kollu qabel dwar is-suġġeriment tas-Sur Bruno biex il-Kunsill jgħati tweġiba formali fuq din il-kwistjoni

- Is-Sinjura Maria Sultana saħqet li għandu jkun hemm xi ħadd responsabbli mill-Kunsilliera minn dawn l-avvenimenti li jkunu qegħdin jaffettwaw il-lokalita' tal-Kalkara biex b'hekk wieħed jieħu l-inkarigu u ma jitħalla ħadd barra.

Is-Sindku saħqet illi diġa hemm il-Kunsillier Vince Bongailas responsabbli mid-dekasteru ta' l-isports fejn dan ta' l-aħħar seta faċilment jissuġerixxi li l-grupp tad-darts għandhom jingħataw rikonoxximent bhalma is-Sur Pawlu Bongailas issuġerixxa l-istess għal Klabb tal-Football.

- Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi kieku ma sar xejn għal tal-football il-grupp tad-darts ma kienu ser jgħidu xejn għax din il-kwistjoni qed tinqala kważi sentejn wara. Apparti minn hekk is-Sur Palwu Bongailas saħaq li hu personali mhux kontra li jingħataw rikonoxximent, fakkar ukoll illi l-grupp tad-darts mhumiex reġistrat bħala Klabb bħal ma huwa l-kumitat tal-Football tal-lokal, imma huma taħt Għaqda Mużikali.

- Il-Kunsill kollu qabel unanimament illi għas-sena 2017 waqt Jum il-Kalkara ser ikun qed jinħoloq grupp sekondarju fejn jiġu inklużi gruppi sportivi / individwi sportivi li ħaqqhom jieħdu rikonoxximent f'Jum il-Kalkara. Is-Sinjura Maria Sultana issuġerit fomalment lil Brandon Borg fejn dan ta' l-aħħar ġab titlu uniku għal Malta fil-qasam tal-Boxing.

- Is-Seg.Eżek. issuġeriet formalment lill-Kunsill li jingħata rikonoxximent il-Pulizija partikulari fejn dan ta' l-aħħar jaħdem bis-sħiħ mal-Kunsilli kollha tal-Kottonera speċjalment fil-lokalita' tal-Kalkara.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament li dan il-Pulizija għandu jingħata rikonoxximent din is-sena waqt Jum il-Kalkara.

7.3.6 Is-Sinjura Speranza Chircop issuġerit illi dak l-individwu li rebaħ il-kompetizzjoni tal-fotografija aktar kmieni din is-sena għandu jitkabbar ir-ritratt li rebaħ bih u jitwaħħal fl-uffiċini tal-Kunsill bħal ġest lejn dik il-persuna li tkun rebħet.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi kull kompetizzjoni li toħroġ mill-Kunsill għandha tkun meqjusa l-istess bħal din ta' qabel kif inhu xieraq jekk dejjem ikun hemm eventwalita' ta' kompetizzjoni oħra.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 7.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

Is-Sur Chris Bruno staqsa update fuq kif baqgħet il-kwistjoni ta' żieda ta' camera oħra fl-inħawi tal-Kunsill kif kien diġa ġie konfermat minn naħa ta' Esplora.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat illi aktar kmieni dan ix-xahar kellha laqgħa formali mal-Perit ta' Esplora u bdew id-diskussjonijiet fuq affarijiet loġistiċi.

### 7.4.2 Maria Sultana – Kunsilliera

**A.** Il-Kunsilliera Maria Sultana ikkonfermat donazzjoni ta' ktieb lil iskola tal-Verdala bħal kull sena f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara.

**B.** Is-Sinjura Maria Sultana infurmat il-Kunsill dwar ilment mgħand residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Santu Rokku fejn dawn ta' l-aħħar qed jilmentaw fuq it-'Traffic Calmers' li twaħħlu minn naħa ta' TM minħabba illi kull darba li tgħaddi karozzi / trakkijiet qed ikollhom ħafna storbju wara r-residenza tagħhom ħabba li twaħħlu vera viċin.

Ser tkun qed tintbgħat email formali lit-TM fuq dan ir-rigward minn naħa tal-Kunsill biex b'hekk jitwassal dan l-ilment formalment.

Is-Sur Pawlu Bongailas ukoll issuġerixxa illi jekk dawn it-'Traffic Calmers' ser jibqgħu mwaħħlin f'dawn l-inħawi hemm bżonn li jitwaħħlu sinjali u jiġu immarkati biż-żebgħa ta' l-art.

**Ċ.** Is-Sinjura Maria Sultana, infurmat il-Kunsill dwar kwistjoni li ġara ma residenta aktar kmieni fix-xahar t'April fejn din ta' l-aħħar kellha tħallas ammont sostanzjali ta' flus biex tagħlaq Triq Rnella ħabba xi xogħlijiet li riedet tagħmel fir-residenza tagħha dan wara li l-Kunsill impedila li tagħlaq Triq Rnella fil-ħin ta' filgħodu.

Is-Seg.Eżek. spjegat dan ir-rigward kollu ħabba li kienet involuta hi personalment fejn saħqet illi Triq Rnella il-Kunsill kien iddeċieda li ma tingħalaqx filgħodu ħabba id-'deliveries' tal-ħwienet.

Il-Kunsill qabel unanimamet illi din ir-regola mgħadix fis-seħħ minħabba li m'hemmx aktar ħwienet f'din it-triq lejn in-naħa t'isfel, li jkollom bżonn ta' 'deliveries' filgħodu.

L-istess resident ukoll innutat illi hi kellha ġġib uffiċjali ta' TM biex tagħlaq it-triq filwaqt li f'Ħamis ix-Xirka l-Kunsill joħroġ permess biex tingħlaq din it triq għal wirja li resident ieħor jagħmel f'din l-istess triq fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira bla ma jinġiebu 'Wardens' jew uffiċjali ta' TM.

Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi l-wirja ssir darba fis-sena bi tgawdijja ta residenti Kalkarizi stess, hekk tajjeb li l-Kunsill jagħti il-permess mingħajr ma jinħoloq diżgwit bħal ma dejjem sar.

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi għandu jinġieb 'Warden' anki f'Ħamis ix-Xirka biex kulħadd jitqies l-istess filwaqt illi s-Sur Pawlu Bongailas qal illi m'għandux għalfejn il-Kunsill idaħħal f'iktar sejjeż lil dan il-persuna li jagħmel wirja mill-isbaħ.

Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet il-Kunsill min ser jieħu ir-responsabbilta' jekk allaħares qatt jinqala xi ħaġa f'Ħamis ix-Xirka fi Triq Rnella peress li ma jkunx hemm 'Wardens' jew uffiċjali ta' TM.

Finalment il-Kunsill iddeċieda li affarijiet kulturali bħal wirjiet m'għandux jinġieb 'Warden' jew uffiċjal ta' TM biex b'hekk il-Kunsill jgħin il dak li jkun billi ma jidħolx f'aktar spejjeż.

**Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

7.4.3 **A.**Is-Sur Pawlu Bongailas, ikkonferma dak kollu li 'ntqal qabel f'din is-seduta fir-rigward l-attivita' ta' Puttinu Cares.

**B.** Is-Sur Palwu Bongailas informa l-Kunsill dwar xogħlijiet li qed isiru min naħa tal-Gvern Ċentrali fi Sqaq iċ-Ċimiterju.

**Ċ.** Is-Sur Pawlu Bongailas, issuġerixxa illi għandha ssir Zebra Crossing fi Triq ix-Xatt bejn Triq ix-Xewkija u l-mina prinċipali tal-Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat talba formali lit-TM biex b'hekk il-Kunsill ikollu gwida / approvazzjoni minn naħa tagħhom kif inhu suppost bil-liġi.

**D.** Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi bħala Kunsill għandu jagħmel xi ħaġa rigward il fatt illi fi Triq Luigi Pisani fejn qabel kien hemm l-iskips tar-riċiklaġġ, biex in-nies ma jibqgħux jitfgħu boroż suwed / tar-riċiklaġġ kif ukoll skart goff għal konvenjenza tagħhom.

Is-Sinjura Maria Sultana issuġeriet li għandu jsir bank u bin biex b'hekk in-nies jibdew jiġu edukati u jħallu l-iskart tal-bieb tar-residenza tagħhom kif inhu suppost u mhux fejn hu komdu għalijom.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar is-suġġeriment tas-Sinjura Maria Sultana.

e. Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn tintbgħat email formali lil TM rigward il-parkeġġ riservat li hemm preżenti fi Pjazza Sagra Familja għaliex fil-verita jistgħu jitneħħew minhabba illi hemm minnhom reġistrati fuq residenti li ġew nieqsa kif ukoll hemm minnhom li ġew rikoverati fi sptarijiet.

## 7.5 Rapporti

7.5.1 Resident irraporta ħsara fil-karozza tiegħu wara li l-Kunsill approva li jitwaħħlu 'bollards' fi Triq il-Ħbit mill-Ajru.

Is-Seg.Eżek. ippreżentat email minn naħa ta' TM fejn dawn ta' l-aħħar ordnaw li jinqalaw il-'bollards' immedjatament minn dan is-sit.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan ir-resident għandu jiġi mħallas tal-ħsarat li huwa ġarrab.

7.5.2 Dan il-punt ġie diskuss aktar kmieni f'din is-seduta minn naħa tal-Kunsilliera Maria Sultana fuq il-kwistjoni ta' Triq Rnella.

## 7.6 Korrispondenza

7.6.1 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar żewġ applikazzjonijiet ġodda ta' permessi biex dawn iż-żewġ individwi individwali jingħataw permess biex jarmaw fil-festa tal-lokal:

Permess biex tintrama 'stand' tad-Doughnuts u Crepes' – il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan ir-rigward u għandu jinħareġ permess aktar tard din is-sena fiż-żmien tal-festa mal-kumplament tal-permessi li jinħarġu minn naħa tal-Kunsill.

Permess għal 'Portable bar' – il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan ir-rigward u għandu jinħareġ permess aktar tard din is sena fiż-żmien tal-festa mal-kumplament tal-permessi li jinħarġu minn naħa tal-Kunsill.

Is-Sinjura Chircop żieded tgħid li fil-fehma tagħha dan il-permess għandu jiġi revokat minħabba li diġa hemm ħwienet fil-lokal li jbigħhu xorb biex b'hekk ikollhom huma prijorita fil-festa tal-lokal.

7.6.2 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill dwar korrispondenza li rċeviet minn naħa tal-'Electrowaste Limited' biex titpoġġa banka fil-lokal biex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jagħmlu riċiklaġġ mill-ħwejjeġ li forsi jkollhom għar-rimi wkoll.

Il-Kunsill iddeċieda li din il-banka għanda titpoġġa bi prova fl-inħawi tal-Bandli fix-Xatt tal-Kalkara minħabba li hemmhekk post ċentrali u milħuq minn ħafna nies.

**7.6.3** Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill dwar kampanja ġdida minn naħa tal-'GreenPak' bl-isem irriċikla għal-istrina.

Il-Kunsill qabel illi minħabba nuqqas ta' spazju fl-uffiċini tal-Kunsill u minħabba li l-iskola Primarja tal-lokal diġa qiegħda f'din il-kampanja m'għandux jidħol fiha, pero ser tkun qed titella' notifika fuq il-paġna ta' 'Facebook' tal-Kunsill biex kull min hu nteressat ifaddal tappijiet kif tirrikjedi din il-kampanja jista jagħmel dan u joħodom l-iskola Primarja stess.

7.6.4 Is-Sinjura Speranza Chircop, uriet il-Kunsill 'draft' tal-programm tal-festa tal-banda Sagra Familja bħal kull sena biex jiġi approvat qabel ma jibdew il-preparamenti.

Il-Kunsill approva l-programm tal-festa b'mod Unanimu.

Il-Kunsill saħaq illi hemm bżonn tissejjaħ laqgħa maż-żewġ każini tal-Banda biex b'hekk jiġu diskussi punti importanti / kruċjali għal din is-sena u ma jsirux żbalji li saru fis-snin ta' qabel miż-żewġ każini stess biex b'hekk innaqsu l-ilmenti tar-resdienti f'dik il-ġimgħa tal-festa w anki wara sakemm jiġi żarmat kollox.

7.6.5 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill dwar 'Clean up' li ser tkun qed issir minn naħa ta' grupp volontarju minn naħa tal-MTA fi Ġnien is-Salvatur aktar tard f'Mejju 2017.

Ser ikunu qed jinxtraw xi affarijiet minimi minn naħa tal-Kunsill biex dawn in-nies ikunu jistgħu jagħmlu biċċa xogħol sew.

Is-Sindku ukoll saħqet li ser tkun qed iġġib informazzjoni dwar amministratturi li jieħdu ħsieb 'Clean ups' fil-baħar volontarjament biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jagħmel talba biex tiġi mnaddfa l-kosta tal-Kalkara.

7.6.6 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill dwar proġett iffinalizzat wara li kien ġie approvat f'Seduta preċedenti fis-sena 2017 rigward 'Cat café' fl-inħawi ta' Triq Luigi Pisani.

Is-Sindku uriet ritratti tal-proġett finalizzat kif ukoll qalet li ser tkun

qed tibgħat email ta' ringrazzjamnet lil din l-NGO tax-xogħol li għamlu biex sebbħu dan l-ambjent għal benefiċċju tal-qtates tat-triq.

7.6.7 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill, dwar fondi ta' kultura maħruġa minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ser ikun qed jiġi amalgamat proġett minn naħa tar-Reġjun Xlokk għal-Kunsilli kollha.

Fl-istess ħin ser tkun qed tintbgħat email lill-konsulent tal-Kunsill fuq proġetti biex wieħed jieħu opinjoni professjonali fuq il-Kunsill Kalkara u tinħareġ proposta mill-aktar fiss possibli.

7.6.9 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat il-Kunsill b'email li rċieva l-Kunsill minn naħa tad-Dipariment tal-Gvern Lokali rigward il-problema fil-preżent fuq il-Berġa tal-lokal tindika fiċ-ċar biex in-nurse li qed iħallas il-Kunsill tiġi mwaqqfa tagħti s-servizz.

Is-Sur Pawlu Bongaials saħaq li tinġieb risposta minn naħa tad-Dipartiment tas-saħħa kif kien suppost.

Il-Kunsill qabel illi għandu jsir emfażi biex issir laqgħa urġenti mas-Segretarju Parlamentari Dr.Deborah Schembri biex b'hekk din is-sitwazzjoni tkun tista tiġi ranġata mill-aktar fiss possibli qabel titwaqqaf in-nurse li bħalissa qed topera fil-Berġa tal-Kunsill.

## 7.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Ma kienx hemm

## 7.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/i Amministrattiv/i

Ma kienx hemm

## 7.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

**Ma kienx hemm**

## 7.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.10.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 7.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-

Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7.11 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 7.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

7.12.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Mejju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |